**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 475/2017**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Edward Caruana**

Illum, 29 ta' Marzu 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat, Edward Caruana, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 308560(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'dawn il-Gzejjer bejn Jannar 2015 u Ottubru 2016, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra bil-għan li jwettqu delitt li għalih hemm il-priġunerija, billi:

(1) Bħala uffiċjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika, jew impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, sew jekk kellu u anke jekk ma kellux, il-jedd li jesiġi flus jew ħwejjeġ oħra bħala salarju tad-dmirijiet tiegħu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, illi taħt il-libsa tal-kariga tiegħu, esiġa dak li l-liġi ma tippermettix, jew izżjed minn dak li tippermetti l-liġi, jew qabel iż-żmien li jmiss skont il-liġi;
(2) L-eżazzjoni msemmija fl-artikolu ta' qabel saret b'theddid jew b'abbuz t'awtorita', b'hekk titqies estorsjoni skont il-liġi;
(3) Kif ukoll talli bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku li, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tiegħu, talab, irċieva jew aċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wiegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta xi vantaġġ ieħor, li għalihom hu ma kellux jedd, u l-iskop tal-wiegħda

jew offerta kien sabiex bħala uffiċjal jew impjegat jagħmel dak li kien fi dmir li jagħmel;

(4) Kif ukoll talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi, xjentement għamel uzu ta' kitba jew skrittura falza.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra illi tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-liġi, tapplika ukoll l-interdizzjoni ġenerali perpetwa, skont l-artikolu 119 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-29 t' Awwissu 2022, fejn il-Qorti lliberat lill-imputat minn kull ħtija u piena. *In oltre*, fid-dawl tal-provi li ġew prodotti fil-proċeduri, il-Qorti ordnat lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga jekk f'dan il-każ jeżistux l-estremi legali li jsawru r-reati kontemplati fis-Sub-Titolu II tat-Titolu V tat-Tieni Taqsima, l-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali, fil-konfront ta' diversi persuni fil-ħruġ tal-*invoices* foloz. Ukoll, il-Qorti għaddiet sabiex tirrevoka l-ordni t'iffrizar imposta fil-konfront ta' Edward Caruana.

Rat ir-rikors tal-Avukat Ġenerali, ippreżentat fid-19 ta' Settembru 2022, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok, abbażi tal-provi kollha prodotti, tgħaddi sabiex issib lill-appellat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tinfliġġi l-piena skond il-liġi fil-konfront ta' l-istess.

Rat l-aggravji mressqa mill-Avukat Ġenerali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-ewwel aggravju ventilat mill-Avukat Ġenerali jikkonċerna n-natura tal-impjieg jew kariga okkupata mill-appellat, u dan meta ħassu aggravat bid-deċizjoni ta' l-Ewwel Qorti li kienet tal-fehma illi l-appellat ma kienx impjegat fl-amministrazzjoni pubblika u għalhekk is-sanzjoni tal-liġi mħaddna fl-artikoli 112, 113, 114 u 115 tal-

Kodiċi Kriminali, ma kellhiex tapplika fil-konfront tiegħu. Biex isaħħaħ l-argument tiegħu, l-Avukat Ġenerali jagħmel referenza għal dak li jiddisponi il-Kapitolu 595 tal-Liġijiet ta Malta u jilmenta li l-Ewwel Qorti waslet għall-konkluzjoni żbaljata dwar dak li jikkostitwixxi 'uffiċjal pubbliku' fit-termini tal-Liġi.

Illi minn eżami tal-Atti Proċesswali jirriżulta li l-appellat ġie ngaġġat mal-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada (FTS) nhar it-8 ta' Novembru 2013, fil-pozizzjoni ta "*Manager of Summer Projects, Maintenance Division and Co-ordination Unit*". Jirriżulta ukoll, u dana mix-xhieda tal-ex-Ministru Evarist Bartolo li l-"*FTS hija mogħtija responsabbilita' biex tieħu ħsieb il-bini tal-iskejjel u xogħol ieħor li jsir fihom ta' natura infrastrutturali*". *In oltre,* mis-sit elettroniku tal-istess Fondazzjoni, li għaliha għamlet ukoll referenza l-Ewwel Qorti, jirrizulta li l-fondazzjoni hija "*governmental entity*" u li c-*Chairperson* u l-membri tal-Bord tagħha jinħatru mill-Ministru responsabbli għall-Edukazzjoni. Madanakollu, l-operat ta' kuljum u d-deċizjonijiet ezekuttivi tal-Fondazzjoni jittieħdu mic-*Chief Executive Officer* tagħha li għandu ukoll il-manzjoni li jmexxi "*management team*".

Illi l-Kapitolu 595 tal-Liġijiet ta Malta, li l-Avukat Ġenerali jistrieħ fuqu fl-appell minnu ntentat sabiex isaħħaħ il-fehma tiegħu dwar in-natura tal-impjieg tal-appellat, daħal fis-seħħ fis-sena 2019. Dan ifisser illi fiż-żmien temporali indikat fiċ-ċitazzjoni, u ċioe' dak ta' bejn Jannar 2015 sa Ottubru 2016, kien għad hemm fis-seħħ il-Kapitolu 497 u ċioe' l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, li permezz ta'l-Att III tal-2019 kien sostitwit u aġġornat permezz ta' Kapitolu ġdid, u ċioe' il-Kap.595. Essenzjalment, madanakollu, id-definizzjoni li jistrieħ fuqha l-Avukat Ġenerali ta' "uffiċjal pubbliku", huwa identiku għal dak imfassal fil-Kapitolu 497, kif *del resto* baqa' essenzjalment inalterat l-artikolu 2 ta'l-imsemmi Att meta seħħet it-trasposizzjoni tal-liġi regolanti l-Amministrazzjoni Pubblika għall-Kapitolu 595.

Illi jibda biex jingħad illi l-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada hija entita' governattiva, u għalkemm id-difiża targumenta illi ma hemmx prova in atti li jistabbilixxi dan il-fatt, madanakollu l-Qorti hija tal-fehma kuntrarja, billi il-provi in atti jindikaw xort'oħra u ċioe' illi l-Gvern għandu interess ewlieni fit-tmexxija tal-

Fondazzjoni u kontroll effettiv fuq l-istess, tant illi l-Bord tat-tmexxija tal-Fondazzjoni huwa maħtur unikament mill-Ministru responabbli għall-Edukazzjoni[1] u wkoll il-Fondazzjoni tirċevi fondi pubbliċi sabiex tamministra u tmexxi l-proġetti tagħha kif approvati mill-Ministeru għall-Finanzi u fejn allura għandhom ikunu seġwiti ir-regoli tal-*public procurement* fl-għoti ta' *tenders* ta' xogħolijiet[2]. Fil-fatt il-Fondazzjoni hija elenkata bħala waħda mill-entitajiet tal-Gvern fis-sit uffiċjali *gov.mt*.[3].

Illi l-Kapitolu 497 (u ukoll il-Kapitolu 595) tal-Liġijiet ta' Malta jagħtu is-segwenti definizzjoni ta' entita' tal-Gvern:

> "entità tal-Gvern" tfisser organizzazzjoni, li ma tkunx dipartiment tal-Gvern, aġenzija tal-Gvern jew soċjetà kummerċjali, **li fiha l-Gvern ikollu kontroll effettiv,** sew jekk dik l-organizzazzjoni tkun jew ma tkunx imwaqqfa b'liġi.

L-artikolu 3 ta'l-Att, imbagħad, jiddisponi illi:

> **"Id-dipartimenti, aġenziji u entitajiet tal-Gvern huma korpi li jamministraw riżorsi pubbliċi u li jipprovdu servizzi lill-pubbliku jew jaqdu funzjonijiet oħra f'isem l-Istat."**

Illi għalkemm ma tirriżultax mill-provi in atti, madanakollu, huwa fatt fid-dominju pubbliku illi l-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' għada ma hijiex entita' imwaqqfa bil-liġi, iżda kienet imwaqqfa b'deċizjoni tal-Kabinett u kostitwita permezz ta' att pubbliku ippubblikat fl-10 ta' Mejju 2001. L-għan tal-Fondazzjoni kien u għadu li tieħu f'idejha il-manutenzjoni u xogħolijiet oħra in konnessjoni mal-iskejjel tal-Istat.

Illi l-uffiċjali impjegati mal-Fondazzjoni jiġu magħżula mill-istess Fondazzjoni u ingaġġati permezz ta' kuntratt tal-impjieg milħuq bejn l-impjegat u l-Fondazzjoni. Issa din il-prassi ta' inġagg hija regolata bil-liġi u anke bil-Kostituzzjoni, tant illi L-Att dwar l-Impjieg u t-Taħriġ jistabbilixxi illi hija l-korporazzjoni *Jobsplus* li għandha f'idejha l-ingaġġ ta' impjegati mill-Gvern jew minn entitajiet u kumpaniji ikkontrollati

[1] https://education.gov.mt/en/Ministry/Pages/boards/Foundation-for-Tomorrow%27s-Schools.aspx
[2] Ara dokumenti eżebiti fil-Volum numru 4 tal-atti.
[3] https://www.gov.mt/en/Government/Government%20of%20Malta/Ministries%20and%20Entities/Pages/Ministries%202022/Education.aspx

mill-Gvern[4], fosthom is-soċjeta *Resource Support and Services Limited* li magħha l-appellat kien impjegat qabel ma ġie trasferit għal Fondazzjoni[5]. Illi dan huwa mnissel minn direttivi nterni mill-*People and Standards Division* fil-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti tal-Gvern fejn fid-Direttiva numru 7 hemm hekk stabbilit:

> *This Directive applies to all Public Administration organisations which are not government departments, and which have a distinct legal personality and are authorised by law to recruit and enter into contracts (herein after to* ***as Public Sector entities****) and to their respective Permenent Secretaries.*

Illi minn din id-Direttiva huwa evidenti allura illi l-entitajiet tal-Gvern, inkluża allura l-Fondazzjoni, taqa' fi ħdan l-Amministrazzjoni Pubblika[6]. Illi l-Kapitolu 497 tal-Liġijiet ta' Malta jiddefinixxi bħala "impjegat pubbliku" bħala li tinkludi "uffiċjali pubbliċi u **impjegati ta'aġenziji tal-Gvern u entitajiet tal-Gvern**, u għall-fini tas-sezzjoni B, sezzjoni Ċ u l-paragrafu 27 tal-Kodiċi ta' Etika, persuna tkompli titqies bħala impjegat pubbliku għal tliet snin wara li tirtira, tirriżenja jew titkeċċa mill-impjieg pubbliku.[7]"

Illi minn eżami tal-atti u senjatament mill-*employment history* tal-appellat eżebita mix-xhud Joseph Saliba rappreżentant tal-*JobsPlus*[8] jirriżulta illi l-appellat kien fil-passat impjegat mall-*Medserv Limited, Offshore International SA, Kalaxlokk Co. Ltd, Malta Development Corporation* u *Resource Support and Services Limited*, kumpaniji fejn il-Gvern kellu xi forma ta'kontroll fuq, u/jew sehem fl-istess. Illi allura l-Ewwel Qorti errat meta qieset illi fl-impjieg preċedenti tal-appellat għal dak mal-Fondazzjoni huwa kien impjegat ma' kumpanija privata u dan għaliex is-soċjeta *Resource Support and Services Limited*, huwa korp ġuridiku maħtur uffiċjalment li jaqa' taħt l-Uffiċċju tal-Prim Ministru[9].

---

[4] Ara artikolu 15 tal-Kapitolu 343 tal-Liġijiet ta' Mlata li kienet applikabbli fiż-żmien temporali indikat fiċ-ċitazzjoni, liema liġi llum ġiet trasposta fil-Kapitolu 594 tal-Liġijiet ta' Malta.

[5] https://publicservice.gov.mt/en/people/Documents/Directives/Directive-7-2-Manual-V7.pdf

[6] *Public Sector entities, together with the Public Service, are key organisations in the administration of Government and are entrusted with important functions including the provision of essential services and acting as regulators - https://publicservice.gov.mt/en/people/Documents/Directives/Directive-7-2-Manual-V7.pdf*

[7] L-aħħar parti ta' din id-definizzjoni fejn il-kariga hija marbuta ma' żmien ġiet imneħħija fil-Kapitolu 595.

[8] Ara fol.450 tal-atti u Dokument JS

[9] *A main function regulating the setting up and the role of RSSL and ERL as companies is to absorb workers made redundant following the closure of such organisations as Malta Shipbuilding, Malta Shipyards, Malta Drydocks,*

Illi mill-provi jemerġi ukoll illi meta l-appellat beda jiġi investigat fuq allegat tixħim kienet saret talba mill-Ministru tal-Edukazzjoni sabiex huwa jitneħħa mill-impjieg tiegħu mal-Fondazzjoni. Illi dan jirriżulta mix-xiehda kemm ta' Philip Rizzo (CEO tal-Fondazzjoni), kif ukoll tal-Ministru tal-Edukazzjoni ta' dak iż-żmien Evarist Bartolo u ukoll is-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru Joseph Caruana, li jiġi ħu l-appellat. Illi f'sensiela ta' *e-mails* skambjati bejn l-Uffiċċju tal-Prim'Ministru u is-sur Joseph Caruana, eżebiti in atti bħala Dokument PR13[10], jirriżulta illi permezz ta' ittra datata l-1 ta' Settembru 2016 mibgħuta mill-Ministru Bartolo liċ-*Chairman* tal-Bord tal-Fondazzjoni Dr. Emanuel Camilleri, dan ta'l-aħħar kien mitlub "*to take all the necessary action that Mr. Edward Caruna ceases to perform any works for the Foundation for Tomorrow's Schools and revert back to his previous employment*." Wara dan jidher illi saret "*redeployment request*" lil *RSSL* mill-Uffiċċju tal-PrimMinistru datata 09 ta' Settembru 2016[11] u dan fit-termini ta'l-artikolu 15A tal-Att dwar l-Impjiegi u Taħriġ, intestata "*Skjerament mill-ġdid ta' impjegati fis-settur pubbliku*", liema disposizzjoni tal-liġi kienet applikabbli fiż-żmien temporali indikat fiċ-ċitazzjoni, 'l allura Kapitolu 343 tal-Liġijiet ta' Malta li kienet taqra hekk:

> **(1) Meta l-Prim Ministru jkun tal-parir li xi impjegat, ta' korp jew soċjetà msemmija fl-artikolu 110(6) tal-Kostituzzjoni li minħabba f'riorganizzazzjoni jew ristrutturar ta' xi korp jew soċjetà minn dawk imsemmijin ikun jista' jitlef l-impieg jew ikun sar xort'oħra redundant, ikun jista' jiġi skjerat mill-ġdid fis-settur pubbliku f'xi impjieg ieħor ma' xi korp ieħor jew soċjetà oħra kif fuq imsemmija, huwa jista' joħroġ ordni li tkun tordna dak l-iskjerament mill-ġdid u dak l-ordni għandu jkollu l-effett u għall-iskop ta' dak l-iskjerament mill-ġdid ir-reklutaġġ skont servizz tal-impjieg provdut mill-Korporazzjoni għandu jsir skont dak l-ordni**.
>
> **(2) Ordni li jinħareġ taħt is-subartikolu (1) jista' jkun jinkludi dawk il-pattijiet, kondizzjonijiet, modalitajiet u termini ta' żmien skont ma l-Prim Ministru jista' jqis li jkun adatt li fiċ-ċirkostanzi jinkludi bil-għan li jiġi regolat dak l-iskjerament mill-ġdid jew bil-għan li jiġi evitat kull piż mhux dovut, anomalija jew tbatija fuq il-prinċipal jew fuq l-impjegat**

---

*MDC, Sea Malta, IPSE, METCO Kalaxlokk Co. Ltd and Enemalta Ltd. Therefore, on a quarterly basis, RSSL and ERL will distribute an expression of interest to all RSSL and ERL staff respectively, to check whether anyone is interested in any vacancies arising with other entities within the Public Administration. RSSL and ERL will inform Permanent Secretaries accordingly - https://publicservice.gov.mt/en/people/Documents/Directives/Directive-7-2-Manual-V7.pdf*

[10] Fol.297 et. seq.

[11] Dokument PR14 fol.299

**jew fuq impjegati oħra tal-korp jew soċjetà fejn dak l-impjegat ikun ġie jew ikun ser jiġi skjerat mill-ġdid.**

L-artikolu 110(6) tal-Kostituzzjoni bl-intestatura "**Ħatra eċċ., ta' uffiċjali pubbliċi**", imbagħad, jistabilixxi illi:

**Dħul f'impiegi ma' kull korp stabbilit bil-Kostituzzjoni jew b'xi liġi jew taħt xi liġi oħra, u ma' kull soċjetà jew korp ieħor li fih il-Gvern ta' Malta, jew xi korp kif intqal qabel, ikollhom sehem biżżejjed biex jikkontrollaw jew li fuqu jkollhom kontroll effettiv, għandu, kemm-il darba dak id-dħul ma jkunx sar wara eżami pubbliku li jkun ġie avżat kif imiss, isir permezz tas-servizz għall-impjegar kif provdut fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu.**

B' ittra elettronika li ġġib l-istess data s-sur Joseph Caruana igħid hekk lis-sinjura Fiott impjegata fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru:

***"Mr. Edward Caruana is in the books of FTS on indefinite contract within Ministry for Education and Employment.***

***This (recte Thus) he is now a public sector employees wherein through my office he can be deployed either within another entity within the Ministry or in agreement with another Permanent Secretary and approved by OPM be deployed to another Ministry.***

***In fact agreement has been reached that Mr. Edward Caruana be deployed with the Rural Devolpment Department with the Ministry for Sustainable Development and Environment with the same term and conditions that he has enjoyed with FTS.***

***Thus action need to be taken within this context."***

Bit-tweġiba għal din l-ittra tingħata fl-istess jum mill-Uffiċju tal-Prim'Ministru dwar l-iskjerament mill-ġdid lejn *RSSL* billi t-talba għall-iskjerament lejn il-Ministeru għal-Iżvilupp Sostenibbli u l-Ambjent (*MSDEC*) kellha ssir minn dak il-Ministeru.

Illi minn dan l-iskambju ta' ittri elettroniċi huwa evidenti illi l-appellat kien, u baqa' impjegat fl-amministrazzjoni pubblika, bl-artikolu 2 tal-Kapitolu 497 jagħti s-segwenti definizzjoni ta' dak li jikkostitwixxi l-amministrazzjoni pubblika u ċioe' "*tfisser il-Gvern ta' Malta inklużi l-ministeri u d-dipartimenti tiegħu, u l-aġenziji, l-entitajiet tal-Gvern, il-kummissjonijiet u l-bordijiet imsemmija f'dan l-Att.*" Illi l-liġi stess tagħti is-setgħa lill-organiżazzjonijiet u entitajiet tal-Gvern li għandhom personalita' ġuridika

indipendenti li jieħdu ħsieb l-inġagg ta' uffiċjali fi hdanhom tramite il-korporazzjoni tal-*Jobsplus*. Dan ma jfissirx illi dawn l-impjegati ma humiex inġaggati fl-amministrazzjoni pubblika billi l-liġi stess tqies dawn is-soċjetajiet kummerċjali bħala entitajiet governattivi. Tant hu hekk illi meta l-Ministru talab sabiex l-impjieg tal-appellat mal-Fondazzjoni jiġi terminat saret talba għal skejrament mill-ġdid mal-impjieg preċedenti tiegħu fi ħdan l-entita' governattiva RSSL jew inkella ma' Ministeru ieħor.

Issa l-appellat jiġi mixli b'mod ewlieni bir-reat tal-eżazzjoni kontra l-liġi jew hekk imsejjaħ konkussjoni, imfassal fl-artikolu 112 tal-Kodiċi Kriminali li jaqra hekk:

> **Kull uffiċjal jew <u>impjegat f'amministrazzjoni pubblika</u>, jew kull impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, sew jekk ikollu kemm jekk ma jkollux jedd li jesiġi flus jew ħwejjeġ oħra bħala salarju tad-dmirijiet tiegħu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, illi, taħt il-libsa tal-kariga tiegħu, jesiġi dak li l-liġi ma tippermettix, jew iżjed minn dak li tippermetti l-liġi, jew qabel iż-żmien li jmiss skont il-liġi, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta'priġunerija minn tliet xhur sa sena.**

L-awtur tar-reat jista jkun:

1. Uffiċjal f'amministrazzjoni pubblika
2. Impjegat fl-amministrazzjoni pubblika
3. Impjegat tal-Gvern
4. Impjegat mal-Gvern

Illi dan ifisser illi l-awtur tar-reat mhuwiex biss l-uffiċjal pubbliku, iżda l-liġi tinkludi firxa aktar wiesgħa meta tinkludi fis-sanzjoni tagħha kull impjegat fl-amministrazzjoni pubblika. Similment, fid-dritt penali taljan[12] fil-fatt l-awtur tar-reat huwa mhux biss "*il pubblico ufficiale*", imma ukoll "*l'incaricato di un pubblico servizio*". Illi allura din il-Qorti ma tistax taqbel mal-fehma milħuqa mill-Ewwel Qorti illi fl-atti ma hemmx provi biżżejjed li jindikaw illi l-appellat huwa impjegat fl-amministrazzjoni pubblika u lanqas ma tara li kien hemm il-ħtieġa illi titressaq bħala prova mill-Prosekuzzjoni l-Att li bih twaqqfet il-Fondazzjoni jew inkella

[12] Articolo 317 Codice Penale

rappreżentant mill-*People and Standards Division* fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim'Ministru billi huwa evidenti mill-atti illi, kif ingħad, l-appellat kien u baqa' impjegat ma' entitajiet governattivi, bl-Ewwel Qorti erronjament tqies ir-*Resource Support and Services Limited*, kif ukoll l-*Industrial Projects Services Ltd* fejn l-appellat finalment kien skjerat mill-ġdid, bħala kumpaniji privati billi dawn huma entitajiet governattivi. Tali informazzjoni ma teħtieġ ebda prova billi din hija fid-dominju pubbliku. Kif errat ukoll l-Ewwel Qorti meta straħet fuq id-definizzjoni mogħtija lil frażi "amministrazzjoni pubblika" fil-Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta' Malta li titkellem fuq il-Ġustizzja Amminsitrattiva u ċioe' l-issindikar ġudizzjarju ta' egħmil amministrattiv tal-amministrazzjoni pubblika li jaqgħu taħt l-Att fuq punti ta' liġi u ta' fatt, u mhux d-definizzjoni mogħtija ta'l-Amministrazzjoni Pubblika fil-Kapitolu 497, illum il-Kapitolu 595 tal-Liġijiet ta' Malta, li tagħti definizzjoni aktar wiesgħa minn dik imħaddna fil-Kapitolu 490, u li allura tinkludi l-entitajiet governattivi bħalma hi il-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada.

Illi allura stabbilit il-qafas leġislattiv regolanti l-amministrazzjoni pubblika u meqjusa l-provi li hemm fl-atti huwa indubitat illi l-appellat kien fiż-żmien indikat fiċ-ċitazzjoni impjegat fl-amministrazzjoni pubblika u allura jaqa' taħt is-sanzjoni tal-liġi għar-reat imfassal fl-artikolu 112 tal-Kodiċi Kriminali, b'din id-disposizzjoni tal-liġi tinkludi persuni lil hinn mid-definizzjoni tal-"uffiċjal pubbliku" mogħtija fl-artikolu 92 tal-Kodiċi Kriminali. Illi finalment fit-termini tad-definizzjoni mogħtija ta' impjegat pubbliku jaqgħu dawk il-ħaddiema kollha li huma "uffiċjali pubbliċi u impjegati ta'aġenziji tal-Gvern u entitajiet tal-Gvern", sabiex b'hekk anke minn din id-definizzjoni għandu jirriżulta illi l-appellat jaqa' fid-definizzjoni ta' impjegat fl-amministrazzjoni pubblika, kif ingħad. Illi allura magħmula dawn il-konsiderazzjoni, l-ewwel aggravju sollevat mill-Avukat Ġenerali jistħoqqlu akkoljiment.

**Ikkunsidrat:**

Illi t-tieni aggravju ventilat mill-Avukat Ġenerali jolqot il-mertu tal-każ fejn huwa jillanja illi l-Ewwel Qorti malament warrbet ix-xiehda ta' Giovann Vella bħala inattendibbli kif ukoll il-prova magħmula permezz tax-xiehda ta' diversi kuntratturi

ingaġġati mill-Fondazzjoni li kkonfermaw illi l-*invoices* allegatament maħruġa minnhom li jkopru diversi xogħolijiet kienu iffabbrikati u foloz. Illi stabbilit allura illi din il-lanjanza tolqot l-apprezzament tal-provi, l-Qorti eżaminat l-atti mill-ġdid bil-għan illi tqies jekk dan l-apprezzament magħmul fis-sentenza appellata kienx erronju kemm fuq bażi legali kif ukoll fattwali.

Illi l-appellat jinsab mixli kemm bir-reat hekk imsejjaħ tal-konkussjoni, kif ukoll dak tal-korruzzjoni tal-uffiċjal pubbliku u ċioe′ ir-reati imfassla fl-artikoli 112 u 115 rispettivament tal-Kodiċi Kriminali.

Issa r-reat tal-konkussjoni jew tal-eżazzjoni kontra l-liġi jinneċessita fl-elementi kostituttivi tiegħu il-karattru pubbliku ta′l-awtur tar-reat, liema element huwa stabbilit kif hawn fuq deċiż, l-eżazzjoni mill-awtur tar-reat fil-kariga pubblika tiegħu ta′ xi ħaġa kontra il-liġi, liema eżazzjoni finalment trid issir fil-kors tal-impjieg pubbliku tiegħu u marbut mal-istess impjieg jew kariga, bis-suġġett passiv tar-reat allura, u ċioe′ il-persuna lilha tintalab l-utilita′ mill-awtur tar-reat, titqies bħala il-vittma tar-reat kuntrarjament għal dak li jseħħ fir-reat tal-korruzzjoni tal-uffiċjal pubbliku fejn trid tirriżulta il-kompliċita′ bejn l-uffiċjal pubbliku u l-persuna li tikkorrompieh.

> ***"The exaction thus creates in the private contributor a sense of grievance against the Government by making him believe that by order or the authority of the Government exorbitant fees or too heavy impositions are exacted.[13]"***

Kif igħid il-ġurista Antolisei:

> ***"… si ha concussione allorche` il pubblico ufficiale o l'incaricato di pubblico servizio «abusando della sua qualita` o dei suoi poteri, costringe o induce taluno a dare o a promettere indebitamente, a lui o ad un terzo, denaro od altra utilita`».***
>
> ***In questa figura delittuosa il pubblico ufficiale o l'incaricato di pubblico servizzio si avvalgono illegittimamente della loro posizione per procurarsi, da persone che hanno rapporto con l'Amminstrazione, vantaggi che loro non spettano. Lo scopo dell'incriminazione e' duplice: da un lato tutelare l'interesse dell'Amministrazione alla imparzialita`, corretezza e buona reputazione dei pubblici funzionari; dall'altro, impedire che gli estranei subiscano soprafazzioni e, in genere, danni per gli abusi di***

[13] Noti Professur Mamo paġna 82

***potere dei funzionari medesemi. Nessun dubbio, pertanto, che ci troviamo di fronte ad un reato pluri offensive."***

Illi fis-sentenza fl-ismijiet, **Il-Pulizija v Geraldo Sacco**[14] hemm imgħallem:

**Ghalhekk biex tavvera ruhha din l-ipotesi tal-ligi, huwa essenzjali li l-impjegat jikkometti l-ezazzjoni kontra l-ligi taht "il-libsa jew kulur tal-kariga tieghu". Ghalkemm huwa estraneu ghar-reat jekk l-impjegat kellu jew ma kellux il-jedd ghall-ezazzjoni bhala salarju ghad-dmirijiet tieghu, jew akkont tal-Gvern jew stabbiliment publiku, huwa pero` rekwizit tar-reat illi l-impjegat ikun ghamel l-ezazzjoni taht il-kulur tal-kariga li jkun jokkupa bhala impjegat publiku. Dak l-artikolu li jirrifletti in parti l-art.196 tal-Kodici penali "Delle Due Sicile", u in parti l-art.174 tal-Kodici Penali Franciz, gie introdott fil-Kodici kif jinsab illum fuq proposta ta' Sir Adriano Dingli fis-seduta tal-L-Kunsill tal-Gvern tal-4 t'April 1850, li fuq suggeriment ta' Jameson biddlet lart.108 tal-Progett tal-1848 tal-Ligijiet Kriminali ta' dawn il-Gzejjer;**

**Illi, biex l-ezazzjoni tkun saret taht il-kulur tal-kariga, irid ikollha l-apparenza ta' legittimita`, u jrid ikun hemm da parti tal-impjegat l-abbuz tal-awtorita` attribwita lilu minhabba fl-istess kariga tieghu. Dan huwa wiehed mir-reati li l-Kodici jqieghed taht it-titolu "Fuq Abbuz ta' l-Awtorita`Publika"; u jkun hemm dan l-abbuz meta l-impjegat publiku, skond l-espressjoni ta' Carmignani, "*juris colore quaesito*", jezigi xjentement dak li l-ligi ma tippermettix, jew izjed minn dak li tippermetti, jew qabel iz-zmien stabbilit mill-ligi; u hi precizament din l-apparenza ta' legittimita` li tiddiferenzja sostanzjalment din il-forma ta' abbuz tal-awtorita` publika mill-ohra tal-"korruzzjoni" kontemplata fl-art.114 tal-Kodici Kriminali, fejn l-espressjoni "taht il-libsa tal-kariga tieghu" tinbidel fl-ohra "fl-okkazzjoni tal-kariga jew impjieg tieghu";**

**Hekk Roberti (Vol.V no.560) meta jqieghed bhala tielet element tal-konkussjoni il-"*colore di legittimita` attribuito alla indebita esazione*" jghid:- "*Questo elemento e` tanto importante ad assodarsi, in quanto e' il solo che contraddistingue la concussion dalla corruzione*"; u jattribwixxi d-diversita` tal-piena bejn reat u iehor "*…..al maggior danno inerente alla concussione, appunto perche` s'inspira nel cittadino, da cui si esige l'indebito, un certo malcontento contro il governo, laddove nella corruzione mettendosi a prezzo un atto del proprio ufficio, dassi evidentemente a comprendere che l'illecito profitto ceda esclusivamente all'ingordia del pubblico ufficiale o impiegato, senza che il governo lo autorizzi o vi partecipi in menoma parte*". U Garraud (Droit Penal Francais, vol.4 p.42) jghid:- *"la concussion….elle se distingue de la corruption en ce l'inculpe` exige comme un droit ce qu'il sait ne pas lui être du";…***

Illi l-appellat fil-fatt huwa mixli ukoll bir-reat tal-korruzzjoni tal-uffiċjal pubbliku imfassal fl-artikolu 115 tal-Kodiċi Kriminali li jiddifferenzja ruħu minn dak tal-konkussjoni, kif imgħallem fis-sentenza suċċitata, u dan billi r-reat tal-korruzzjoni

[14] App. Krim. Imhallef J. Flores, Deciza 11.12.1956

għandu bħala rekwiżit tiegħu il-kompliċita' bejn l-uffiċjal pubbliku u l-persuna li tikkorrompieh li joħolqu patt kriminuż, li jservi ta' benefiċċju għalihom it-tnejn.

> **"Fit-Trattato di Diritto Penale Italiano [Quinta edizione – Professori P. Nuvolune e G. D. Pisapia] Vol.V, Capo III jinghad:**
>
> **"Il criterio distintivo tra la corruzione passiva e la concussione si trae principalmente dall' oggetto giuridico di codesti delitti, e dal carattere di reato bilaterale che ha la corruzione, mentre la concussione ha natura unilaterale. Infatti col reprimere la concussione si vuole impedire che i pubblici ufficiali abusino del loro ufficio pre trarre illeciti profitti, estorcendo o carpendo cio' che loro non e' dovuto. E' quindi lavida procacita del funzionario che si colpisce; e' la sua iniziattiva nell' estorcere o nel carpire l' indebito, che viene punita. Colui che da' o prommette e' una vittima del pubblico ufficiale: e' sempre soggetto passivo del reato. Nella corruzione invece, cio' che viene in considerazione e' l' illecito rapporto consensuale tra il pubblico ufficiale e l' estraneo interessato: il primo cede, sfrutando ingordamente l' ufficio o tradendolo per venalita', alle accaparanti iniziative altrui. Egli acetta ignominiosamente o perfidamente ma' non aggredisce ne richiede. ……Nella concussione il funzionario CHIEDE, nella corruzione invece ACCETTA."[sottolinejar u emfazi tal-Qorti][15]"**

Tant hu hekk illi l-Avukat Ġenerali fin-nota ta' rinviju għal ġudizzju jindika ukoll l-artikolu 48A tal-Kodiċi Kriminali li jikkontempla ir-reat tal-assoċjazzjoni bil-għan li jkun kommess delitt. Illi allura għalkemm minn ezami ta'l-artikolu 115 tal-Kodiċi Kriminali, li jikkontempla r-reat ta' korruzzjoni, essenzjalment jistgħu jirriżultaw elementi kostituttivi simili (u ċioe' in-natura uffiċjali jew pubblika ta'l-impieg tal-awtur tar-reat, li dik il-persuna irċeviet jew aċċettat flus, jew xi rigal, jew wegħda jew offerta u dawn ma ikunux dovuti skond il-liġi, li dana jkun in konnessjoni ma'l-istess kariga jew impieg, bl-iskop ikun illi l-persuna tagħmel jew ma tagħmilx id-dmir tagħha,) madanakollu f'dan ir-reat hemm pluralita' ta' soggetti billi tikkonfigura il-konġura kriminali bejn tnejn jew aktar filwaqt li l-awtur tar-reat tal-konkussjoni huwa wieħed u ċioe' l-ufficjal pubbliku jew impjegat fl-amministrazzjoni pubblika li indebitament jeżiġi utilita' minn għand il-vittma tiegħu.

Finalment, l-appellat huwa ukoll mixli bir-reat ta'l-użu ta' dokumenti foloz, għalkemm fin-nota ta' rinviju għal ġudizzju l-Avukat Ġenerali jindika id-

[15] Qorti tal-Magistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali deċiża 01.03.2018 Il-Pulizija vs Gordon George Micallef

disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali li jitkellmu ukoll dwar ir-reat imwettaq minn min jiffalsifika dokumenti u skritturi oħra, kif maħsub fl-artikoli 179 sa 186, u 188 tal-Kap.9.

**Ikkunsidrat:**

Illi dawn ir-reati huma addebitati lill-appellat abbażi tal-fattispeċje ta' dan il-każ fejn bħala persuna impjegat mal-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada fil-kariga ta' *Head Summer Projects, Maintenance Division and Co-ordination Unit*, allegatament huwa esiġa indebitament xi utilita' minn għand certu Giovann Vella u Joseph Carabott, kif ukoll ippreżenta għal ħlas lil Fondazzjoni diversi *invoices* jew *quotations* minn għand kuntratturi, ingaġġati mill-istess Fondazzjoni sabiex jagħmlu xogħolijiet fl-iskejjel tal-Gvern f' Għawdex, li allegatament kienu foloz.

Illi huwa indubitat illi l-Ewwel Qorti għamlet esposizzjoni dettaljata u minizzjuża tal-provi kollha ikkumpilati quddiemha u a skans ta' repetizzjoni l-Qorti tagħmel referenza għal din l-esposizzjoni hemmhekk kontenuta. Illi il-kwadru probatorju f'dan il-każ huwa marbut ma' tlett xenarji fejn allegatment kien involut l-appellat. Mhux ikkontestat illi l-appellat kien il-persuna fi ħdan il-Fondazzjoni li kien qed jieħu ħsieb il-proġetti marbuta mal-bini u mantenuzjoni ta'l-iskejjel f' Għawdex u kien il-persuna li kienet tikkomunika u tikkollabora mal-kuntratturi li kienu qed jieħdu ħsieb dawn ix-xogħolijiet. Illi fir-rigward ta'l-ewwel tlett imputazzjonijiet dawn huma marbuta mal-fatti rappurtati minn ċertu Giovann Vella lil pulizija u wkoll ma' dak dikjarat minn ċertu Joseph Carabott mac-CEO tal-Fondazzjoni Philip Rizzo.

Fl-ewwel xenarju probatorju hemm il-figura ta' Giovann Vella, kuntrattur għawdxi, direttur tal-kumpanija *Gozo Developments Company Limited* li lilu kienet aġġudikata t-*tender* għal bini ta' skola sekondarja fir-Rabat, Għawdex. Vella jirrapporta lil pulizija illi l-appellat Edward Caruana kien esiġa minn ghandu s-somma ta' €30,000. Fil-fatt l-allegazzjoni ssir f'żewġ stadji fejn l-ewwel Vella jallega li Caruana talbu xi flus sabiex ikun aċċertat li t-*tender* tax-xogħolijiet jiġi assenjat lilu, imbagħad fi stadju ieħor wara li kienu bdew ix-xogħolijiet, jikkontendi illi Caruana kien lest jirranġa mas-*surveyor* Robert Ciantar sabiex jiżdied il-valur tax-xogħolijiet li diġa' saru bis-somma ta'

€30,000 bil-kundizzjoni, iżda, illi Vella joħroġ mill-kuntratt sabiex l-appalt jiġi mgħoddi lil kuntrattur ieħor u li jekk huwa ma kienx ser jagħmel dan kien ser iżommlu l-ħlasijiet għax-xogħol li għamel. Igħid ukoll illi Caruana kien tah alternattiva oħra u ċioe' li huwa (ċioe' Vella) igħaddielu s-somma ta' €30,000 u minn naħa tiegħu huwa (Caruana) jmexxielu l-pagamenti u ma jibqax jinsisti li joħroġ mill-kuntratt tal-appalt. Issa għalkemm inizjalment Vella jikkontendi illi dawn l-inkontri bejnu u bejn Caruana seħħew fis-sena 2015, fejn isemmi laqgħa partikolari li allegatament saret fil-festa ta' Santa Marija fir-residenza tiegħu fejn Caruana kien reġa' talbu din is-somma ta' €30000, madanakollu sussegwentment meta rinfaċċjat bil-fatt illi din id-data ma kellhiex mis-sewwa huwa jbiddel il-verżjoni tiegħu u jgħid illi wara verifiki li għamel mad-dijarju tiegħu, liema eżerċizzju jidher li sar fuq il-pedana tax-xhieda, irriżultalu illi din il-laqgħa fil-fatt saret fil-15 ta' Awwissu tas-sena 2014[16], biex b'hekk spiċċa spostja ż-żmien li fih allegatament seħħ l-aġir inkriminatorju minn Caruana. Provi oħra in atti dwar din l-allegazzjoni ma hemmx għajr għal dak li jikkontendi Giovann Vella, xhud li l-Ewwel Qorti qisitu inattendibbli u dan fid-dawl tal-inkonsistenzi fid-deposizzjoni tiegħu. Illi l-appellat minn naħa tiegħu jiċħad dak li jikkontendi Vella u jinsisti illi l-pagamenti kienu miżmuma minħabba li x-xogħolijiet minn naħa ta' Vella ma kenux qed isiru skont is-sengħa u l-arti. Dan il-fatt huwa ikkonfermat minn diversi xhieda fosthom Robert Ciantar li kien il-*quantity surveyor* inkarigat mill-proġett, li minn naħa tiegħu ukoll jiċħad li talab xi flus lil Vella, kif allegat minn dan ix-xhud, tant illi minħabba f'din l-allegazzjoni isseħħ alterkazzjoni bejniethom b'Vella jiġi misjub ħati mill-Qorti f'Għawdex illi ħedded lil Ciantar. Dan il-fatt, dwar allegat xogħol ħażin, kien ikkonfermat ukoll mill-Perit Andrew Ellul, u l-Perit Clint Camilleri li t-tnejn jikkontendu illi kien sar xogħol ħażin fis-soqfa tant illi dawn kienu perikolużi u kellu jitqabbad kuntrattur ieħor sabiex isiru ix-xogħolijiet rimedjali. Jidher illi kien minħabba f'din ir-raġuni illi l-pagamenti minn naħa tal-Fondazzjoni, għax-xogħolijiet eżegwiti minn Vella, kienu qed jiġu miżmuma. Illi mill-verżjoni tal-fatti mogħtija fl-istqarrijiet rilaxxati minnu lil pulizija, (billi huwa għażel

[16] Ara xiehda in kontro-eżami Giovann Vella a fols.2506,2507

li ma jiddeponiex fil-qorti, kif kellu kull dritt lli jagħmel), l-appellat jiċħad kategorikament dak allegat minn Vella.

Illi din hija qorti ta' reviżjoni, u allura qorti li ma kellhiex ix-xorti tara u tisma' lix-xhud jiddeponi quddiemha. Illi allura sabiex din il-Qorti tiskossa d-deċiżjoni tal-qorti tal-prim'istanza fl-apprezzament minn magħmul, irid neċessarjament ikun hemm fl-atti xi prova li tindika li l-Ewwel Qorti errat meta warrbet dik il-prova li qieset bħala inattendibbli. Provi bħal dawn ma hemmx billi kif ingħad hija l-verżjoni ta'l-appellat kontra dik ta' Vella, li hija piuttost waħda neboluża. Illi anke jekk *gratia argomenti* din il-Qorti kellha tqies il-verżjoni tal-fatti mogħtija minn Giovann Vella bħala waħda kredibbli u attendibbli, xortawaħda ma tistax tiġi riskontrata l-ħtija għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellat billi ix-xhud Vella, kif ingħad jispostja l-avvenimenti li wasslu għax-xilja tal-appellat għar-reat imfassal fl-artikolu 112 tal-Kodiċi Kriminali, għas-sena 2014, meta l-appellat huwa mixli li kkometta ir-reat tal-konkussjoni bejn Jannar 2015 u Ottubru 2016, sabiex b'hekk din il-Qorti żgur li ma tistax issib ħtija għal fatti li seħħew fi żmien differenti minn dak indikat fiċ-ċitazzjoni.

Illi fir-rigward tal-avvenimenti li jikkonċernaw l-allegat tixħim ta' Joseph Carabott, irid jingħad illi anke hawnhekk il-provi huma mankanti. Joseph Carabott li kien ukoll kuntrattur ingaġġat mill-Fondazzjoni sabiex jagħmel xi xogħolijiet fuq l-iskola ta' Ħad Dingli tfaċċa fl-investigazzjoni dwar l-aġir ta' Caruana in segwitu għall-allegazzjoni magħmula minnu lis-*Chief Operations Officer* tal-Fondazzjoni, Anthony Muscat, li l-appellat kien qed jippressah għal flus u li kien qallu ukoll biex imexxi x-xogħolijiet bil-mod sabiex ma jinżammux id-*deadlines* tal-proġett. L-appellat Caruana, fix-xogħolijiet għal din l-iskola, ma kellu ebda responsabbilta' u kien Muscat il-*Manager* għal dan il-proġett. Ukoll kien hemm *invoice* li kienet ippreżentata għal ħlas f'isem Carabott li dehret li kienet falza. Philip Rizzo, Anthony Muscat u Pippo Guliano[17], *site supervisor*, kollha adetti mal-Fondazzjoni, jibagħtu għal Carabott sabiex jikkonfrontawh b'dawn il-fatti u hu jallega magħhom illi Edward Caruana, l-appellat, kien qed jitolbu *commission* ta' 3% fuq il-prezz tax-xogħolijiet u ukoll konsenja madum. Meta il-pulizija

[17] Fix-xiehda tiegħu fil-qorti huwa igħid li ma jaf xejn dwar il-każ.

jibagħtu għal dan ix-xhud huwa jinnega li qatt qal dan id-diskors lil Rizzo u lill-oħrajn. Ikkonfrontat ma' dawn in-nies fl-uffiċju tal-ispettur Rennie Stivala huwa jkompli jinsisti li seta' nftiehem ħażin u ma riedx ifisser dan bid-diskors li qalilhom. Kif ċaħad meta mitkellem mal-Ministru tal-Edukazzjoni ta' dak iż-żmien Evarist Bartolo. Fix-xiehda tiegħu fil-qorti ikompli jinnega dan il-fatt. Mill-provi fil-fatt jirriżulta illi l-*invoice* falza kienet inħarrġet b'kollutazzjoni bejnu u bejn ċertu Simon Camilleri, Ta' Xmun Projects. L-appellat Edward Caruana ukoll jinnega l-involviment tieghu f'dan il-każ. Provi oħra in atti rigward dan l-allegat tixħim jew tentattiv ta'l-istess ma hemmx, bl-uniku okkażjoni meta Carabott jallega dan kien biss ma' Rizzo, Muscat u Guiliano, li għalkemm huwa prova li Carabott seta' qal dan id-diskors lil dawn it-tlieta minn nies, madanakollu ma jikkostitwixxi ebda prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni illi l-fatt allegat seħħ.

Finalment l-appellat huwa mixli ukoll li ffalsifika u/jew għamel użu ta' dokumenti foloz. Din l-allegazzjoni nibtet minn investigazzjoni magħmula minn Philip Rizzo CEO tal-Fondazzjoni wara li ġew f'idejh seba' *invoices/quotations* li kienu jidhru dubbjużi. Dawn l-*invoices/quotations* kienu marbuta ma' xogħolijiet ta' kmamar tal-banju li saru fl-iskejjel f'Għawdex (għal liema xogħolijiet kien responsabbli l-appellat) minn ċertu Simon Camilleri, il-valur ta' liema xogħolijiet kien jiżboq dak indikat fit-*tender* b'€25000, u liema xogħolijiet ġew eżegwiti b'*direct order* mogħtija lil Camilleri fuq struzzjonijiet ta' Caruana. Dawn ix-xogħolijiet żejda saru mingħajr approvazzjoni la mis-Segretarju Permanenti u lanqas mic-*Chief Executive Officer* tal-Fondazzjoni għalkemm kienu approvati mill-Perit Cornelia Tabone. Illi għalkemm dawn il-*quotations* kienu ippreżentati f'April 2016 liċ-*Chief Operations Officer* Anthony Muscat mill-appellat, madanakollu kien jidher illi x-xogħolijiet kienu diġa' tlestew mill-kuntrattur xi sitt xhur qabel. Jirriżulta illi peress illi kien hemm varjazzjoni konsiderevoli mit-*tender* oriġinali b'€25,000, kif ingħad, Camilleri kien mogħti parir mill-appellat jew mill-Perit Cornelia Tabone (Camilleri mhux ċert minn dan il-fatt) sabiex dan l-ammont jinqsam f'ammonti iżgħar bl-*invoices* jinħarġu fuq nies oħra kredituri ta' Camilleri in konnessjoni ma' dawn ix-xogħolijiet u li kienu ssupplixxewlu il-materjal. Simon Camilleri *ex admissis* igħid illi huwa hekk għamel u avviċina diversi

kuntratturi li kellhom jirċevu xi ħlasijiet minn għandu li ħarġu l-*invoices* direttament fuq il-Fondazzjoni minflok fuq ismu. Jirriżulta illi ħafna minn dawn l-*invoices* saru kollha fuq karta bajda bl-istess tipa ta' kitba dattilografata fuqhom fejn uħud lanqas kienu ffirmati. Illi Rizzo jlaqqa' l-kuntratturi indikati f'dawn l-*invoices* fejn ħafna minnhom jinnegaw li dawn l-*invoices* kienu tagħhom b'uħud isostnu li qatt ma għamlu x-xogħolijiet hemmhekk indikati u lanqas kellhom relazzjoni ta' negozju ma' Camilleri. Dawn il-kuntratturi jitressqu bħala xhieda u jikkonfermaw dawn il-fatti. Dan magħdud, madanakollu ma hemm ebda prova fl-atti illi toħloq ness bejn l-appellat u dawn l-*invoices* iffalsifikati li jirriżulta li għal ħruġ ta' uħud minnhom kien responsabbli Simon Camilleri, għalkemm huwa jiċħad illi dawk foloz saru minnu. Fil-fatt jikkontendi illi għal dawn l-*invoices* li kienu jġibu l-istess data u ddaħħlu tard kien kellmu l-appellat u qallu sabiex jekk mistoqsi dwarhom igħid li għamilhom hu, jiġifieri Camilleri stess. Kif lanqas hemm prova dwar xi allegata konġura kriminali bejn Camilleri u l-appellat bil-għan illi dawn jirċevu fondi pubbliċi indebitament. Issa anke jekk il-Qorti kellha temmen illi kien l-appellat li instiga lil Camilleri sabiex jaqsam l-ammont ta' €25,000 f'diversi *invoices* b'ammonti iżgħar, madanakollu ma hemmx l-iċken prova illi kien hu li fflasifika dawn id-dokumenti jew li qal lil Camilleri sabiex jiffalsifika dawn l-*invoices*, kif lanqas hemm prova li l-appellat għamel użu minnhom jew inkella li għamel xi gwandann finanzjarju minn dawn il-maniġġi sabiex ikun ippruvat l-involviment tiegħu fl-istess. Prova dwar min seta' iffalsifika dawn id-dokumenti ma saritx mill-Prosekuzzjoni u għalkemm jistgħu jirriżultaw biss suspetti illi kienet fis-seħħ xi prattika mhux korretta li fiha kienu nvoluti diversi nies, madanakollu dawn jibqgħu suspetti u xejn iżjed[18].

Għaldaqstant għalkemm il-Qorti ma tistax taqbel mal-fehma milħuqa mill-Ewwel Qorti illi ma hemmx provi in atti li jindikaw illi l-appellat kien impjegat fl-amministrazzjoni pubblika jew li kien impjegat pubbliku, kif ingħad, madanakollu ma tista' ssib ebda mottiv li jista' iwassalha tiskossa l-apprezzament minnha magħmul tal-fatti u l-provi ikkumpilati billi ma hemmx biżżejjed provi lil hinn minn kull dubbju

[18] Ara xiehda u rapport Paul Bonello – fol.2054 tal-atti mqabbad biex jagħmel investigazzjoni interna mill-Ministru għall-Edukazzjoni

dettat mir-raġuni, illi l-appellat esiġa ħlasijiet jew xi utilita' oħra minn għand Giovann Vella u/jew Joseph Carabott fiż-żmien indikat fiċ-ċitazzjoni. Kif lanqas jista' ikollha din l-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha, iċ-ċertezza morali illi kien l-appellat li iffalsifika l-*invoices/quotations* ippreżentati għal hlas allegatament maħruġa minn diversi kuntratturi, jew li għamel xi użu mill-istess. Illi l-fatt illi kien l-appellat li jieħu ħsieb ix-xogħolijiet li kienu jsiru fl-iskejjel f'Għawdex, u kien jieħu l-iżbriga li jwassal iċ-ċekkijiet tal-ħlas lil ħaddiema fejn f'ħafna mill-każijiet kienu jirriżultaw *varations* kbar mit-*tenders* oriġinali, bl-appellat ukoll ikun dik il-persuna li jissuġerixxi lil Simon Camilleri jippreżenta s-somma minnu mitluba b'ammonti iżgħar b'*invoices* li ma jirriflettux il-verita', għalkemm jistgħu jikkostitwixxu prattiċi mhux koretti u skont il-liġi tal-*public procurement*, madanakollu waħedhom ma jistgħux iwasslu għal reita' fil-kamp penali, u dan għar-reati addebitati lill-appellat. U allura għalkemm il-Qorti tistqarr illi jista' jeżisti suspett illi f'dawn il-maniġġi kollha kien hemm id l-appellat, billi fit-tlett kwadri probatorji ta' dan il-każ jiffigura ripetutament fejn fl-operat tiegħu seta' ma kienx qed jadotta prattiċi korretti fis-servizz pubbliku, madanakollu dawn il-fatti hekk rakkontati f'dan il-proċess voluminuż fil-konfront tal-appellat jibqgħu biss suspetti u xejn iżjed u ma jilħqux il-grad għoli ta' prova li jista' iwassal għal sejbien ta' ħtija fil-kamp penali.

**Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-ewwel aggravju imressaq mill-Avukat Ġenerali, iżda tiċħad it-tieni aggravju, b'dan għalhekk illi tikkonferma s-sentenza appellata fejn din illiberat lilll-appellat minn kull ħtija u piena, u dan fuq nuqqas ta' provi fil-mertu.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**